BorgOlivierLegal
valletta - malta

Paul Borg Olivier LL.D.
A d v o c a t e

25, Flat 22,
Vincenti Buildings,
Strait Street,
Valletta, VLT 1432, Malta
m: (356) 79473646
e: pborgolivier@gmail.com

**L-Editur Charles Dalli, u *Head of News* Norma Saliba**

**Public Broadcasting Services Limted**

**Triq Gwardamangia**

**Pieta'**

**22 ta' Ottubru 2022**

**AĦBAR NIEQSA MILL-VERITA' DWAR IL-KAŻ TA' REKUŻA TAL-MAĠISTRAT LIA**

Nikteb għan-nom ta' Repubblika, VO 1670, ta' 29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba u nirriferi għall-aħbar marbuta mar-rikors li għamel l-Avukat ta' Istat in konnessjoni mad-deċiżjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali dwar ir-rekuża ta' Maġistrat Nadine Lia, fejn ordnat it-tneħħija tagħha mill-każ ta' sfida li qed tagħmel Repubblika kontra l-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-passi li naqas milli jieħu fuq l-Inkjesta dwar l-operat tal-BankPilatus, li dwaru qed inressaq ilment formali.

Ir-rappurtaġġ, bit-titolu (Chest-super) **l-QORTI TIRREVOKA D-DEĊIŻJONI U TISKEDA SEDUTA GĦALL-ĠIMGĦA D-DIEĦLA**, huwa qarrieqi u ma jirrappurtax fedelmet dak li ddeċidiet il-Qorti illum, bil-konsegwenza li l-istess rappurtaġġ jagħti impressjoni lil telespettatur komuni li l-Qorti irrevokat id-deċiżjoni tagħha tal-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022, fejn ordnat li l-Maġistrat Lia titneħħa u ma tkomplix tisma' l-każ ta' sfida lil Kummissarju tal-Pulizija dwar il-passi li kellu jieħu fuq l-Inkjesta Pilatus.

Ir-rappurtaġġ jagħti impressjoni ħażina tal-fatti, u dan bi ksur lampanti tal-liġi li tirregola ix-Xandir u il-liġijiet sussidjarji tagħha.

Kuntrarju għall-impressjoni li ppruvat toħloq l-aħbar kif imxandra mill-PBS, id-deċiżjoni tal-Qorti sabiex titneħħa Nadine Lia minn każ ta' sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija ma giex revokat. Dak li ġie rrevokat illum mill-Qorti kien biss id-digriet fejn hija laqgħet it-talba tal-Avukat tal-Istat biex jingħata permess li jappella mid-deċiżjoni tal-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2022, wara li l-għaqda Repubblika, permezz ta' rikors, qalet li  dan permess biex wieħed jappella minn deċiżjoni  jista' jingħata mill-Qorti biss wara li hija tkun semgħet iż-żewġ naħat. Jiġifieri l-unika revoka li ordnat il-Qorti saret fuq talba ta' Repubblika.

Għaldaqstant, inti qed tintalab sabiex minnufih, u fit-terminu stabbilit bil-liġi, tirraporta fedelment dak li verament rrevokat il-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2022, u ċioe', il-permess sabiex l-Avukat tal-Istat jappella mid-deċiżjoni tal-Qorti li ordnat it-tneħħija tal-Maġistrat Nadine Lia – revoka li saret fuq talba ta' Repubblika - u mhux id-deċiżjoni ta' tneħħija stess, kif l-istazzjon ta l-impressjoni fir-rapport tiegħu tal-aħbarijiet, bla ma żamm mal-fatti kif ġraw.

Fin-nuqqas, jittieħdu passi ulterjuri kontra l-istazzjon.

**Avv. Paul Borg Olivier LL.D.**

**c.c.** **Dr Joanna Spiteri, Kap Eżekuttiv, Awtorita' tax-Xandir**
**Ministru Responsabbli mix-Xandir, Hon. Dr. Owen Bonnici,**
**Chairman Eżekuttiv, PBS, Dr. Mark Sant**